# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 45**

**It-Tnejn, 18 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja, Fontana, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Manolita Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**45.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.**

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija ta' din il-laqgħa. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Ġew ippreżentati l-minuti numri 39, 41, 42, 43 u 44 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament wara li saru xi emendi żgħar.

Is-Sindku, s-Sur Saviour Borġ ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fil-Minuti tal-Laqgħa Numru 41 li nżammet fil-31 ta' Jannar 2019 ma ssemmhiex il-fatt li dakinhar l-iskrivan tal-Kunsill Lokali kien talab li jingħata *long leave* f'April 2019 minħabba safar u li dakinhar ukoll il-Kunsill kien approva dan l-istess *leave* grazzi għall-fatt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-Kunsill fl-istess Laqgħa li kienet disposta tattendi hi matul il-ħinijiet normali tal-ftuħ tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, kif ukoll sabiex jekk kemm-il darba id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet indisposta, ikun jista' jinbeda l-proċess sabiex jinstab sostitut temporanju minħabba li kien għad fadal xahrejn u nofs żmien.

Għaldaqstant, hu kien qiegħed jerġa' jsemmi dan il-fatt sempliċament sabiex jkun assigurat li dak li ma nkitibx dakinhar, jinkiteb fil-Minuti tal-Laqgħa tal-lum.

**45.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**45.4 Imprevist matul il-Laqgħa**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li qabel il-laqgħa kienet irċeviet n-*notice* ta' disgħin(90) jum tal-iskrivan tal-Kunsill fuq l-iskrivanija tagħha u għalhekk ħasset li għandha tressaqha għall-attenzjoni tal-Kunsill b'urġenza.

Wara diskussjoni qasira mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv dwar id-disponibilità tagħha bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-eventwalità li sa dakinhar li

l-iskrivan jispiċċa mix-xogħol ikun għadu ma nħatarx Segretarju Eżekuttiv ġdid wara li tinħareġ sejħa għal min hu interessat, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fir-rigward is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv hi kienet irċeviet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li tagħti żvolta differenti lill-proċess għall-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li għarfithom ukoll li matul parti miż-żmien li l-iskrivan ser ikun bil-*leave* f'April 2019 u li sar aċċenn għalih aktar qabel, hi mhux ser tkun tista' tiftaħ l-Uffiċċju minħabba mpenji oħra.

Wara diskussjoni qasira fejn kien hemm qbil unanimu li l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ma jistax ma jinfetaħx u għalhekk il-Kunsill ma għandux għażla oħra ħlief li jikkunsidra b'urġenza s-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv l-ewwel, is-Sindku s-Sur Saviour Borġ, talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill jara il-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment li tikkonċerna s-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv minħabba li oriġinarjament hi kienet infurmat diġà lill-Kunsill li kienet ġiet infurmatha mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex toħroġ is-Sejħa u eventwalment wara kienet ġiet infurmata biex din tiġi miżmuma, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab ukoll li l-Kunsill jara korrispondenza mibgħuta mill-Ministru għal Għawdex dwar xogħol fi Triq Mons. Mikiel Buttiġieġ u li kien sar aċċenn għaliha ukoll matul il-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Minuti aktar qabel fil-Laqgħa, minħabba li trid tiġi diskussa aktar tard mill-Kunsill.

Minħabba li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iddeżistiet li tmur iġġib il-korrispondenza mitluba mill-Kunsill, fis-6:00 ta' filgħaxija s-Sindku issospenda l-Laqgħa tal-Kunsill Lokali sakemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tmur iġġib il-korrispondenza mitluba.

Wara ftit tal-ħin li l-Laqgħa ġiet sospiża, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet qegħda tirriżenja b'effett immedjat, ikkonsenjat iċ-ċwievet tal-Kunsill u abbandunat is-Sala fejn kienet qegħda tinżamm il-Laqgħa tal-Kunsill.

**45.5 Tmiem il-Laqgħa**

Għaldaqstant, il-Laqgħa tal-Kunsill Lokali kellha tintemm ħesrem u ġiet aġġornata *sine die*.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**f / Manolita Farrugia**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**